# It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: It-Tielet Kwart tal-2023

NR 202/2023 Data tal-Ħruġ: 14 ta’ Novembru 2023

*Fit-tielet kwart tal-2023, it-turisti kollha li ħarġu ’l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma r-residenti Maltin li siefru, kienu stmati li jlaħqu 248,094, li juru żieda ta’ 28.3 fil-mija fuq l-istess perjodu ta’ sena qabel. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż laħqu l-1,817,893.*




**Lulju-Settembru tal-2023**

Matul it-tliet xhur trattati f’din l-istqarrija, saru b’kollox 173,848 safra ’il barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 41,342 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta’ dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (44.2 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta’ bejn il-45 u l-64 sena (27.6 fil-mija) (Tabella nru 1).

Kemm it-turisti li siefru biex imorru f’pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u kemm it-turisti l-oħra li telqu biex imorru f’pajjiżi oħra żdiedu b’26.5 fil-mija u b’35.1 fil-mija, rispettivament.  L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b’persentaġġ ta’ 38.9 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-iljieli kollha mqattgħin mit-turisti li siefru żdiedu bi 30.5 fil-mija sabiex qabżu il-1.8 miljun lejl. L-akbar għadd ta’ dawn l-iljieli (57.7 fil-mija) kienu mqattgħin f’akkomodazzjonijiet mikrija (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta’ 7.3 ljieli (Tabella nru 1).

Sena għal sena, bejn Lulju u Settembru l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu ’l barra mill-pajjiż żdied b’37.1 fil-mija u laħaq il-€241.4 miljun, li jiġi daqs medja ta’ €973 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

**Jannar-Settembru 2023**

Fl-ewwel tliet kwarti tas-sena, is-safar kollu ’l barra minn Malta laħaq il-595,717-il safra (Tabella nru 7), li huma żieda ta’ 41.3 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu fl-2022 (Tabella nru 7). L-iljieli mqattgħin minnhom telgħu bi 38.3 fil-mija, u qabżu l-4.1 miljun lejl (Tabella nru 9). Barra minn hekk, l-infiq kollu minfuq minnhom kien stmat li laħaq il-€538.7 miljun, li jiġi 50.1 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fl-istess perjodu ta’ sena qabel (Tabella nru 10).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ turisti li siefru ’l barra minn Malta, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta’ akkomodazzjoni

Lulju-Settembru




## Ċart nru 3a. L-infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Lulju-Settembru




## Ċart nru 3b. L-infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

Lulju-Settembru




## Ċart nru 4. L-infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

Lulju-Settembru

